Nru. 18,272
Prezz/Price
€0.19 (Lm0.08)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju, 2008
Friday, 27th June, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 570

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

Is-27 ta' Ġunju, 2008

(File No. L 778/62)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Ta' Xbiex:-

1. L-utile dominju temporanju għal perjodu ta' 49 sena li beda fid-29 ta' Awissu 2002 skond il-Kuntratt datat 29 ta'

GOVERNMENT NOTICE

No. 570

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

27th June, 2008

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in terms of the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and that the acquisition thereof is to be by absolute purchase.

Description of the Land

The following land at Ta' Xbiex:-

1. The utile temporary dominium for a period of 49 years which commenced on the 29th August 2002 according to the

Awissu 2002 fl-atti tan-Nutar Dott. Vincent Miceli, ta' biċċa art tal-kejl ta' madwar 672 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' l-istess triq, mil-Lbiċ ma' ġid tal-Gvern u mix-Xlokk ma' xatt il-baħar jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija hija delineata b'kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. Nru. 130_2001_A, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

L-utile dominju temporanju hawn fuq deskritt ġie stmat għall-valur nominali ta' Euro €1 (Lm0.43).

A bażi tal-kundizzjoni numru 6 fil-kuntratt datat 29 ta' Awissu 2002 fl-atti tan-Nutar Dott. Vincent Miceli, peress illi l-Gvern f'każ ta' esproprjazzjoni huwa "obbligat biss li jħallas kumpens għall-ispejjeż li jkunu saru fuq l-art esproprijata" dawn l-ispejjeż qegħdin jiġu stmati tnax-il elf Euro €12,000 (Lm5,151.60).

Dawn il-valuri huma skond stima li hawn ma' din id-dikjarazzjoni kif saret mill-Perit Arkitett Stefan Scotto A. & C.E.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata *site plan* li turi l-immobbli msemmija.

(Iff) Edward Fenech Adami

President

27/6/2008

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 7720.

Contract dated 29th August 2002 in the acts of Notary Dr Vincent Miceli, of a plot of land measuring about 672 square metres, bounded on the North by the same road, on the South West by Government property and on the South East by the sea shore or more precise boundaries.

The abovementioned land is shown in red on plan P.D. No. 130_2001_A, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

The temporary utile dominium described hereunder has been valued for the nominal price of Euro €1 (Lm0.43).

Consequent to condition number 6 of the contract dated 29th August 2002 in the acts of Notary Dr Vincent Miceli, since the Government, in case of expropriation, is "duty bound only to pay compensation for the expenses incurred on the expropriated land" those expenses are being valued for twelve thousand Euros €12,000 (Lm5,151.60).

These values are according to the valuation published with this declaration as drawn up by Architect Stefan Scotto A. & C.E.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration

(Sgd)Edward Fenech Adami

President

27/6/2008

This site plan is being published on page 7720.

Stima tal-Perit (oriġinali bil-Malti)

Utile Dominju ta' Art f'Ta' Xbiex

Fuq struzzjonijiet tal-Kummissarju tal-Artijiet, skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta'Artijiet (għal Skopijiet Pubbliċi), qiegħed niffissa l-valur liberu u frank ta' l-utile dominju taċ-ċens temporanju għal perjodu ta' 49 sena li beda fid-29 ta' Awissu 2002 fuq il-proprjetà hawn taħt deskritta f'Ta' Xbiex, li hi meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li ħadt in kunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet marbuta ma' l-għoti taċ-ċens, kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-valur ta' l-istess proprjetà.

L-utile dominju taċ-ċens temporanju fuq biċċa art tal-kejl ta' ċirka 672 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' l-istess triq, mil-Lbiċ ma' ġid tal-Gvern, u mix-Xlokk ma' xatt il-baħar jew irjieħ verjuri, liema art hija meqjusa bħala fabbrikabbli fit-termini ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta'Artijiet, u hija delineata b'kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. Nru. 130_2001_A, huwa stmat għall-valur nominali ta' Euro €1 (Lm0.43).

A bażi tal-kundizzjoni numru 6 fil-kuntratt datat 29 ta' Awissu 2002 fl-atti tan-Nutar Dott. Vincent Miceli, peress illi l-Gvern f'każ ta' esproprijazzjoni huwa "obbligat biss li jħallas kumpens għall-ispejjeż li jkunu saru fuq l-art esproprijata" dawn l-ispejjeż qegħdin jiġu stmati tnax-il elf Euro €12,000 (Lm5,151.60).

Perit Stefan Scotto

Is-26 ta' Ġunju, 2008

Architect's Valuation (original in Maltese)

Utile Dominium of Land at Ta' Xbiex


I have been instructed by the Commissioner of Land to assess under the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, the freehold value of the utile dominium of the temporary ground rent for a period of 49 years which commenced on the 29th August 2002 at Ta' Xbiex, which is required by Government for a public purpose, and this after taking into consideration the conditions related to the granting of emphyteusis, as well as other matters which may be related to the value of the same property.

The utile dominium of the temporary ground rent on a plot of land 672 square metres, bounded on the North by the same road, on the South West by Government property, and on the South East by the sea shore or more precise boundaries, which land is considered as a building site in terms of the Land Acquisition Ordinance, and is marked in red on plan P.D. No. 130_2001_A, is valued for the nominal price of Euro €1 (Lm0.43).

Consequent to the condition number 6 of the contract dated 29th August 2002 in the acts of Notary Dr Vincent Miceli, since the Government, in case of expropriation, is "duty bound only to pay compensation for the expenses incurred on the expropriated land" those expenses are being valued for twelve thousand Euros €12,000 (Lm5,151.60).

Architect Stefan Scotto

26th June, 2008



L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss

Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*